MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 923/2005

**Rita mart Vincent Caruana (K.I. Nru. 61815M), Victoria mart Francis Azzopardi (K.I. Nru. 642549M), u Carmelo Vassallo (K.I. Nru. 1042045M)**

**vs**

**Giovanna Attard mart Pawlu Attard (K.I. Nru. 534256M), ghal kull interess li jista' jkollu l-istess Pawlu Attard (K.I. Nru. 429753M), u Christopher Attard (K.I. Nru. 342280M)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi:

Premess illi l-atturi qua eredi ntavolaw citazzjoni (numru 972/04) fl-ismijiet Rita Caruana et vs Giovanna Attard et fejn talbu d-divizjoni tal-assi ereditarji tal-genituri tal-kontendenti Joseph u Giuseppa konjugi Vassallo, llum mejtin (Dokument A);
Premess illi fl-istess citazzjoni l-atturi ppremettew illi 'l-konvenuta Giovanna Attard ghandha fil-pussess taghha somma flus ammontanti ghal cirka tletin elf lira Maltin, li kienu flus migmugha mill-imsemmija Giuseppa Vassallo;

Premess illi konsegwentement l-atturi talbu li l-konvenuta Giovanna Attard tigi kkundannata 'tirritorna l-flus fil-pussess taghha formanti parti mill-wirt tal-konjugi Vassallo biex dawn jiffurmaw parti mill-assi ereditarji, u fin-nuqqas tordna lill-konvenuta Giovanna Attard taghmel tajjeb ghal tali nuqqas;

Premess illi ghalhekk il-konvenuta Giovanna Attard hija debitrici fil-konfront tal-atturi in kwantu l-konvenuta Giovanna Attard indebitament approprjat sehem l-atturi mill-wirt tal-genituri taghhom;

Premess illi kontestwalment mac-citazzjoni l-atturi talbu l-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2258/04 ghall-ammont ta' tletin elf lira maltin, liema mandat gie akkordat fl-14 ta' Dicembru 2004 (Dokument B;);

Premess illi rrizulta illi fis-sittax (16) ta' Dicembru 2004, il-konvenuta Giovanna Attard giet notifikata bl-atti tal-kawza fuq imsemmija;

Premess illi fid-dsatax (19) ta' Jannar 2005, il-konvenuta Giovanna Attard giet notifikata bl-atti tal-kawza fuq imsemmija;

Premess illi sussegwentement l-atturi pprezentaw ittra ufficjali numru 3187/05 (Dokument C) li biha nterpellaw il-banek sekwestratarji sabiex jiddikjaraw l-ammont fil-

pussess taghhom appartenenti lill-istess konvenuta Giovanna Attard;

Premess illi rrizulta mill-ittri mibghuta lir-Registratur tal-Qorti mill-banek sekwestratarji li l-konvenuta Giovanna Attard m'ghandha l-ebda fondi hlief ghal ghaxart elef sitt mija u wiehed u hamsin lira Maltin (Lm10,651) , minn liem somma jridu jitnaqqsu Lm191 fi spejjez bankarji relatati ma' kont bankarju fiss;
Premess illi sussegwentement l-atturi pprezentaw ittra ufficjali ohra numru 3847/05 (Dokument D) fejn interpellaw lill-bank sekwestrarju Bank of Valletta plc sabiex jiddikjara jekk ghandux fil-pussess tieghu 'safe deposit box' appartenenti lill-konvenuta Giovanna Attard, izda rrizulta fin-negattiv;

Premess illi ghalhekk mill-ammont indikat mill-banek sekwestratarji rrizulta illi l-mandat ta' sekwestru m'huwiex sufficjenti biex joffri garanzija xierqa in kwantu l-pretenzjoni tal-atturi kienet ghadha mhux kawtelata;

Premess illi ghalhekk l-atturi talbu l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 1302/2005 (Dokument E) sabiex il-konvenuta tigi inibita milli titrasferixxi l-uniku proprjeta' li kellha f'isimha u cioe' fond ossia garage bla numru, fi Sqaq numru 7, fi Triq Santa Lucija, Naxxar, liema fond ghandu access minn bieb iehor numru 122, Triq Santa Lucija, Naxxar;

Premess illi mir-risposta tal-konvenuta ghar-rikors tal-mandat ta' inibizzjoni l-atturi saru jafu illi b'kuntratt ippubblikat fit-3 ta' Frar 2005 fl-atti tan-Nutar Ian Spiteri l-konvenuta Giovanna Attard flimkien ma' zewgha Pawlu Attard ittrasferew il-fond imsemmi b'titolu ta' donazzjoni li binhom il-konvenut l-iehor Christopher Attard, liema kuntratt sar fl-istess gurnata li l-konvenuta Giovanna Attard ipprezentat personalment in-nota tal-eccezzjonijiet u halfet id-dikjarazzjoni ghall-kawza msemmija;

Premess illi dan il-kuntratt sar b'qerq bi hsara tal-jeddijiet tal-atturi u l-konvenuta Giovanna Attard kellha l-intenzjoni li tiddrefawda lill-atturi mid-drittijiet taghhom;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m’ghandiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kuntratt ta’ donazzjoni ppubblikat fit-3 ta’ Frar 2005 fl-atti tan-Nutar Ian Spiteri permezz ta’ liema gie trasferit il-fond fuq deskritt mill-konvenuta Giovanna Attard flimkien ma’ zewgha Pawlu Attard lill-konvenut Christopher Attard, sar b’qerq da parti tal-kontraenti Giovanna Attard bi hsara tal-jeddijiet ta’ l-atturi bl-intenzjoni li dawn jigu defrawdati;

2. Konsegwentement tiddikjara li l-istess kuntratt tat-3 ta’ Frar 2005 fl-atti tan-Nutar Ian Spiteri bhala null u bla effett;

3. Occorrendo tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din l-Onorabbli Qorti jersqu ghall-pubblikazzjoni ta’ l-att notarili ta’ rexxissjoni tal-kuntratt imsemmi tat-3 ta’ Frar 2005 fl-atti tan-Nutar Ian Spiteri u ghal dan il-ghan tinnomina nutar biex jippubblika l-att ta’ rexxissjoni opportun u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

B’riserva ta’ kull azzjoni ohra talvolta spettanti lill-atturi.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat Id-Dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 54 tal-process fejn eccepew illi:

1. In linea preliminarjament, l-eccipjenti Giovanna Attard mhix debitrici tal-atturi. Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tissoprassjedi sakemm tigi deciza l-kawza fl-ismijiet ‘Rita Caruana et vs Giovanna Attard et’ (Citaz. Nru. 972/2004/FS).

2. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-att tad-donazzjoni mill-eccipjenti Giovanna u Pawlu konjugi Attard a favur binhom l-eccipjent l-iehor Christopher Attard tal-garage 122, Triq Santa Lucija, Naxxar, pubblikat min-Nutar Dottor Ian Spiteri fit-3 ta' Frar, 2005 ma sarx b'qerq jew bi hsara ghall-jeddijiet tal-atturi jew bl-intenzjoni li dawn jigu defrawdati.

3. L-eccipjenti ma kkommettew ebda att bil-hsieb jew intenzjoni li jigu danneggjati biex issir hsara ghall-interessi tal-atturi.

4. Bl-att ta' donazzjoni in kwistjoni la giet determinata l-insolvenza tal-eccipjenti Giovanna Attard u lanqas tnaqqset is-solvibilta' taghha.

5. Ma jirrikorrux l-elementi rikjesti skond l-Art.1144 tal-Kap. 16 ghall-ezercizzju mill-atturi tal-'actio pauliana.'

6. It-tieni talba tal-atturi kif dedotta kontra l-eccipjenti ghalhekk tkun michuda stante li l-att ta' donazzjoni fuq riferit huwa validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

7. Isegwi li anke t-tielet talba tal-atturi ghandha tkun rigettata stante li m'hemmx lok ghall-pubblikazzjoni tal-att tar-rexxissjoni tal-att ta' donazzjoni fuq riferit.

8. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat is-sentenzi preliminari taghha a fol 66 u 72 fejn il-Qorti cahdet it-talbiet ghar-rikuza u ghas-soprasessjoni f'dina l-kawza;
Rat in-noti tal-partijiet;

**Decizjonjiet preliminari**

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti kienet giet michuda b'sentenza ta' dina l-Qorti tal 29 ta' Marzu 2006 fol 72.
**Talba**

Illi f'dina l-kawza l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li l-kuntratt ta' donazzjoni ppubblikat fit-3 ta' Frar 2005 fl-atti tan-Nutar Ian Spiteri li bih gie trasferit il-garage fin-Naxxar mill-konvenuta Giovanna Attard flimkien ma' zewgha Pawlu Attard lill-binhom il-konvenut Christopher Attard, sar b'qerq u bi hsara tal-jeddijiet ta' l-atturi bl-intenzjoni li dawn jigu defrawdati.

**Kontestazzjoni**

Il-konvenuti qed isostnu li l-atturi ma gabux prova li jirrizultaw l-elementi rikjesti mill-ligi ghall-ezercizzju ta' l-azzjoni pawliana u senjatament li l-atturi ma ressqu ebda prova konklussiva u konvincenti kif waslu biex ighidu li l-konvenuta Giovanna Attard kellha fil-pussess taghha assi tal-genituri taghha. Lanqas ma ressqu prova konklussiva u konvincenti dwar kif waslu ghas-somma ta' Lm 30,000 li parti minnha biss hu l-allegat kreditu ta' l-atturi konness mal-wirt tal-genituri taghhom. Barra minn hekk bit-trasferiment li dwaru qed jilmentaw l-atturi, huma ma sofrew l-ebda diminuzzjoni fil-patrimonju taghhom li hija ta' pregudizzju ghad-drittijiet ta' l-atturi stante li l-mandat ta' sekwestru hu ta' Lm 10,460.

**Provi**

L-atturi xehdu li huma kienu fethu kawza kontra l-konvenuta fejn talbu d-divizjoni ta' l-assi ereditarji tal-genituri taghhom, inkluz somma ta' Lm 30,000 li tirraprezenta flus migmugha minn ommhom matul hajjitha. (Citaz 972/04). L-atturi kienu hargu mandat ta' sekwestru ghall-ammont ta' Lm 30,000 kontra l-konvenuta biex jikkawtelaw id-drittijiet taghhom. Fil-bank il-konvenuta kellha s-somma ta' Lm 10,651. Biex ikomplu jikkawtelaw il-pretenzjoni taghhom l-atturi hargu mandat ta' inibizzjoni biex il-konvenuta ma tbieghx il-garage li kellha gewwa n-Naxxar li kienet l-unika proprejta li kellha f'isimha l-konvenuta. Mir-risposta ghal mandat ta' inibizzjoni l-atturi saru jafu li l-konvenuti kienu taw b'donazzjoni dana l-garage lill binhom Christopher Attard ftit jiem wara li l-konvenuta kienet giet notifikata bil-mandat ta' sekwestru u bil-kawza u fl-istess gurnata li hi kienet wiegbet ghal

kawza bin-nota ta' eccezzjonijiet taghha. Ghalhekk kellha ssir dina l-kawza

Min-naha l-ohra l-konvenuta xehdet li l-att ta' donazzjoni ma sar b'ebda qerq jew bi hsara ghad-drittijiet ta' hutha l-ohra u lanqas kellha l-intenzjoni li b'xi mod li huma jigu defrawdati u dan ghaliex hija ma tippossediex assi ereditarji tal-genituri taghha. L-unika flus li ghandha fil-pussess taghha huma ta' ohta Antonia li toqghod maghha u li hi ddur biha. Il-konvenuta ssostni li ommha kienet taght gida u nefqet gida tul hajjitha b'diversi modi. Tghid li l-pensjoni ta' ommha u l-qliegh, ghalkemm zghir, tal-hanut, kienu bizzejjed biex taqdi l-bzonnijiet taghha u dawk ta' ohtha Antonia. Hi kienet tuza l-flus ghall ghejxien ta' kuljum u tfaddal dak li kienet taqla' Antonia. Meta mietet ommha hija kellha is-somma ta' ftit aktar minn LM 19,500 li kienu jappartjenu lill-ohta Antonia. Hi qatt ma qalet lill huta li dawn il-flus kienu ta' ommha. Il-flus li kellha ommha kienu marru biex thallas il-funeral taghha u l-kumplament ghall-quddies. Ommha qatt ma semmiet is-somma ta' Lm 30,000 fit-testment taghha.

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi stabbiliti dawn il-fatti, il-Qorti sejra tara jekk l-istess jinkwadrawx ruhhom fl-elementi emergenti minn artikolu 1144 tal-Kodici Civili ossia l-*actio pauliana*.

Illi z-zewg elementi necessarji sabiex tirnexxi l-azzjoni pawljana huma l-"eventus danni" u l-"consilium fraudis".

L-ewwel element, dak tal-***eventus damni,*** jigi sodisfatt bil-prova li, b'rizultat ta' l-att li qed jigi mpunjat, id-debitur jkun sofra diminuzzjoni fil-patrimonju tieghu li tkun ta' pregudizzju ghad-drittiijiet tal-kreditur, liema att jkun rrenda lill-istess debitur insolvibbli jew aktar insolvibbli.
It-tieni element dak tal-***consilium fraudis*** huwa sodisfatt bil- prova tax-xjenza li bl-att tad-debitur qed jigu ppregudikati d-drittijiet tal-kreditur. Mhux rikjesta l-prova tal- *animus nocendi.* Fil- kawza **Bugeja vs Terribile** deciza mill P.A. fis- 7 ta' Jannar 1936 Vol XXIX.II.866 gie

deciz li: *"L-element tal- consilium fraudis jikkonsisti fix-xjenza illi bl-att tkun qeghda tigi determinata l-insolvenza jew imnaqqsa s-solvibilita' tad- debitur, u ma jirrikjedix l-intenzjoni li jigi defrawdat il- kreditur".* Il- konsapevolezza da parti tad-debitur li l-att tieghu ser jikkaguna hsara fid-drittijiet tal-kreditur tieghu, taghti lok ghal presunzjoni ta' l-intenzjoni frawdolenti "*ghax min ikun jaf bl-effett ta' xi att, u b'dankollu jrid jaghmel dak l-att, allura jsegwi li hu jrid wkoll dak l-effett".* (**Vella Brigitte vs Vella Richard et** App. Civ. Deciza 27 ta' Frar 2003).

Illi kif gie ripetutament ribadit minn dawn il-Qrati fosthom **Emmanuel Calleja –vs- Carmelo Grima et**[1] li *"din l-azzjoni hija moghtija lill-kredituri f'isimhom biex jattakkaw l-attijiet maghmula b'qerq mid-debituri taghhom bi hsara ghad-drittijiet taghhom. Hija akkordata biss lill-kredituri, u biex wiehed ikun kreditur, jehtieg li jkollu kreditu."*

Illi ghalhekk f'dan il-punt tajjeb li tigi indirizzata l-kwistjoni sollevata mill-konvenuta u cjoe' jekk it-talba attrici tinkwadrawx ruhha fit-terminu "kreditu" ai fini ta' din l-azzjoni.

Illi kif intqal fis-sentenza **Marco Bongailas vs John Magri et**[2]

*"il-kliem "kreditur" u "debitur" fl-artikolu 1144 huma kjarament termini generici wzati fis-sens l-aktar generali u wiesgha tal-kelma biex jikkomprendu kull min kien dahal f'xi obbligazzjoni hi x'hini favur terzi. Hija biss rifless tal-principju bazilari tad-dritt li kull min jikkontratta ma' haddiehor kellu jezegwixxi l-obbligazzjoni tieghu fil-massima buona fede. Kif sewwa jenuncjaw il-guristi rumani pacta sunt servanda u fraus omnia corrumpit."*

Illi jinghad ukoll illi ghalkemm kien hemm zmien meta dan ir-rimedju kien moghti biss lil min ikun titolari ta' kreditu pekunjarju, is-sentenza **Giuseppina Ciancio vs Michele Buontempo**[3] drastikament iddipartiet minn din id-duttrina,

---

[1] App. Civ. 10 ta' Jannar 1955, Vol XXXIX p.1 p.24
[2] App. Civ. 15 ta' Jannar 2002
[3] App. Civ. 20 ta' Novembru 1950, Vol XXXIV p.lll p.851

u tat dan ir-rimedju lil mara mizzewga li riedet timpunja att ta’ zewgha. Fil-fatt l-istess Qorti ta’ l-Appell fil-kawza **Emmanuel Calleja –vs- Carmelo Grima et** citata aktar ‘il fuq, osservat li *“r-rimedju ta’ l-applikazzjoni ta’ l-azzjoni revokatoria ghandu jifthiehem moghti mhux biss lill-kredituri pekunjarji, imma wkoll lil kull haddiedhor li, meta jkun titolari ta’ dritt valutabbli pekunjarjament, isib ruhu defrawdat permezz ta’ atti li jimpeduh, jekk ma jigux annullati, illi jara li jigu sodisfatti d-drittijiet tieghu.”*

Aktar recenti, l-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza **Anna Bellia –vs- Victor Grech et**[4] osservat li din l-azzjoni hija *miftuha “ghal kull min ghandu azzjoni x’jiddeduci biex jirreklama l-adempiment ta’ obbligazzjoni, b’mod li jista’ jisperixxi l-azzjoni, kull min jinsab pregudikat bil-fatt ta’ haddiehor b’att kagunat mid-debitur.”*

Illi stabbilit dan, il-Qorti sejra tindaga jekk jezistux l-elementi kostituttivi tal-*actio pauliana* f’dan il-kaz cioe l-*eventus damn u* l-*consilium fraudis.* L-element l-iehor li ssemmi l-ligi rigward l- *partecipatio fraudis* da parti tat-terz akkwirent, f’dan il-kaz ma japplikax ghax l-garage nghata taht titolu gratuwitu, u dan l-element huwa espressament eskluz fl- Artikolu 1144 sub inciz (3) Kap 16.

Illi **l-frodi** f’din l-azzjoni hi element ta’ sostanza u objettiv u tista’ timmanifesta ruhha taht diversi aspetti. Tista’ tkun diretta u tista’ tkun indiretta jew oggettiva u l-piz tal-prova jinkombi fuq min jallega l-frodi u jintenta l-azzjoni revokatorja ghaliex il-frodi fil-kuntratti ma tistax tigi prezunta. Id-dannu jista’ jkun u generalment ikun attwali u cert imma jista’ jkun ukoll tali fl-evidenza u certezza juri l-perikolu tan-nuqqas ta’ garanziji tal-kredituri. Id-dannu irid ikun idderiva direttament mill-att impunjat.[5]

Dwar l-element ta’ ***l-eventus damni*** il-Qorti tirrileva li mill-provi prodotti jirrizulta sodisfacentement li bil-kuntratt ta’ donazzjoni maghmul mill-konvenuta hi rrendiet ruhha aktar insolventi. Fix-xhieda taghha hija ammettiet li ma kellha xejn aktar hlief dik il-proprjeta’, (fol. 173 tal- process

---

[4] App. Civ. 16 ta’ Ottubru 1999; Ara wkoll Vella vs Vella App 27 ta’ Frar 2003.
[5] **Carmelo Sciortino –vs- Carmelo** Vella, P.A. 27 ta’ Gunju, 1961, Vol. XLV.II.700

fejn Giovanna Attard xehdet in kontro-ezami u xhieda ta' Joseph Genovese). Il-konvenuta naqset ukoll milli tusufruwixxi mid-dritt taghha li tecepixxi l-*beneficium escussionis* u tindika b'nota prezentata fl-atti tal-kawza, assi ohra ta' valur sufficjenti biex tissodisfa l-kreditu ta' l-atturi. Hu car, li l-kuntratt ta' donazzjoni li sar bejn il-konvenuta u r-ragel taghha u binhom pogga lill-konvenuti f'sitwazzjoni ta' aghar milli kienu, u ghalhekk jezisti l-element ta' pregudizzju rikjest ghall-esercizzju ta' din l-azzjoni. Mhux verosimili l-allegazzjoni tal-konvenuta li l-flus kienu ta' Antonia Vassallo billi dina kienet tirceievi biss il-beneficcju tal-mard u la kellha hwienet u lanqas proprejta'. Dwar kemm hu ezattament il-kreditu ta' l-atturi dan eventwalment se jigi deciz fil-kawza l-ohra li hemm bejn il-partijiet fejn qed tintalab id-divizjoni tal-assi ereditarji.

Illi ghalhekk l-ewwel element rikjest mil-ligi sabiex tissussisti l-*actio pauliana* huwa ezistenti.

Ghar-rigward tat-tieni element, dak tal-***consilium fraudis***, il-gurisprudenza hija konformi li biex jissussisti dan l-element mhux mehtiega l-intenzjoni li wiehed jirreka danni. Kif qalet l-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Camilleri vs Agius**[6] *"La frode pauliana diferisce notevolmente dal dolo, nel senso che non suppone come questo l'uso di manovre sleali. Non e` nemmeno necessario che il debitore abbia agito coll'intenzione di nuocere i suoi creditori; basta che abbia avuto conoscenza del pregudizio che cagionava loro".*

Illi ghad-debitur il-*consilium fraudis* jikkonsisti filli huwa jkun jaf li qieghed jirrendi ruhu insolventi bis-sahha ta' l-att minnu kompjut ossia ikun qieghed jidhol fil-kundizzjoni ta' insolvenza jew ta' minorita solvibilita`[7].

Fir-rigward ta' l-element tal- ***consilium fraudis*** il-Qorti tosserva illi mill-provi jirrizulta *ad abundantia* li l-konvenuta Giovanna Attard, meta ghamlet d-donazzjoni tal-garaxx lit-

---

[6] 23 ta' Novembru 1934
[7] **Carmelo Bray et –vs- Stella Bray et**, Vol XLIV p.II p.659

tifel taghha kienet pjenament konsapevoli tal-fatt li l-atturi kellhom fil-konfront taghha pretensjoni ta' kreditu fl-ammont ta' bejn wiehed u iehor tletin elf Lira Maltin, u cioe 69,881 Euros, li dwarhom kienet saret kawza, kif ukoll kienet pjenament konsapevoli tal-fatt li bit-trasferiment in dizamina hija kienet qeghda tippregudika lil dawn il-kredituri billi kienet qeghda tirrendi aktar insolvibbli l-patrimonju taghha. Fil-fatt mill-provi rrizulta li, ghalkemm il-garaxx kien ilu zmien ghand il-konvenuta, hija ghamlet l-imsemmi kuntratt ta' donazzjoni fl-istess gurnata li fih hi pprezentat in-nota tal-eccezzjonijiet taghha fir-Registru tal- Qorti u halfet id-dikjarazzjoni ghall-kawza msemmija, u ftit granet wara li hi giet notifikata bl-atti tal-kawza.

In propositu, il-Qorti tosserva illi f'dan il-kaz, irrizulta mhux biss li l-konvenuta kienet taf li qed iggib fix-xejn il-patrimonju taghha, izda c-cirkostanzi ta' dan il-kaz iwasslu necessarjament ghall-konkluzjoni logika li hija ghamlet d-donazzjoni lit-tifel taghha *"kemm jista jkun malajr*" (fi kliem in-Nutar stess a fol.102 tal-process[8]), proprju minhabba din il-kawza u biex b'hekk tipprova tevita li dik il-proprjeta' sservi sabiex il-kredituri taghha jissodisfaw parti mill- kreditu taghhom. Il-Qorti tosserva inoltre li ghalkemm il-konvenuta kellha bzonn il-garage ghall-bzonnijiet taghha (ghandha karozza x'tiggaraxxja) hi ttrasferit il-garage li wiehed mit-tfal taghha li ghadu jghix maghha, u li diga kellu garage mikri ghandu. Il-konvenuta ghandha aktar minn tifel wiehed izda hi l-istess ghazlet li thalli l-unika proprejta li kellha li wiehed biss mit-tfal meta kienet taf li m'ghandhiex proprejta' ohra x'taghti lit-tfal l-ohra. Dana kollu meta l-att kien wiehed ta' donazzjoni u mhux taht titolu oneruz. Il-konvenuta fl-ebda mument ma tat ebda raguni ghaliex ghamlet dina d-donazzjoni.

Illi ghalhekk mill-provi jirrizulta illi kif sehhew l-affarijiet il-konvenuta kienet zgur konsapevoli tal-fatt li bil-bejgh de quo kien qed icahhad lill-atturi mill-uniku assi li kien se

[8] In-Nutar ma jaqbilx ma dak li xehdet il-konvenuta li ma kienetx ikkuntattjatu qabel it- 3 ta' Frar. L-istess Nutar kien gie ezentat milli jaghmel ir-ricerki u skond in-Nutar l-partijiet ma kienux infurmawh li kien hemm kawza pendenti.

iservi ta’ garanzija ghall-hlas tad-dejn li kellha maghhom. Ghalhekk il-kuntratt ta’ donazzjoni sar b’qerq u bi hsara tad-drittijiet ta’ l-atturi. Konsegwentement l-elementi kostituttivi kollha tal-*actio pauliana* gew sufficjentejment ippruvati mill-atturi u t-talba taghhom ghandha tintlaqa’.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tilqa’ t-talbiet attrici u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u
Tiddikjara illi l-kuntratt ta’ donazzjoni ppubblikat fit-3 ta’ Frar 2005 fl-atti tan-Nutar Ian Spiteri permezz ta’ liema gie trasferit il-fond fuq deskritt mill-konvenuta Giovanna Attard flimkien ma’ zewgha Pawlu Attard lill-konvenut Christopher Attard, sar b’qerq da parti tal-kontraenti Giovanna Attard bi hsara tal-jeddijiet ta’ l-atturi bl-intenzjoni li dawn jigu defrawdati;
Konsegwentement tiddikjara li l-istess kuntratt tat-3 ta’ Frar 2005 fl-atti tan-Nutar Ian Spiteri bhala null u bla effett;
Tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien xahar millum jersqu ghall-pubblikazzjoni ta’ l-att notarili ta’ rexxissjoni tal-kuntratt imsemmi tat-3 ta’ Frar 2005 fl-atti tan-Nutar Ian Spiteri u ghal dan il-ghan tinnomina l-istess Nutar Ian Spiteri biex jippubblika l-att ta’ rexxissjoni opportun u lill-Dr. Mark Portelli bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------